MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 293/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti izzewwgu fil-11 ta’ Ottubru 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga kif kontemplati fl-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi l-attrici kienet milquta b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat ukoll fl-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi l-attrici ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi l-partijiet irrifjutaw li jikkonsmaw iz-zwieg ai termini ta' l-Artikolu 19 A (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-11 ta' Ottubru 2003 ghar-ragunijiet fuq premessi;
2. Tordna li dina in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat illi l-konvenut huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-11 ta' Ottubru 2003 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d), 19 (1)(f), 19 (1)(h) u 19A(1) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha tieghu l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat bil-kawza odjerna, baqa' qatt ma ntavola r-risposta guramentata tieghu u ghalhekk huwa kontumaci fil-proceduri odjerni.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tibda billi tghid li dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza ghaliex kienet ghaddejja minn perjodu hazin ferm fis-sens li kienet wahedha minghajr familja, bla xoghol u bla ebda tip ta' sapport filwaqt li kellha xi pagamenti li jridu jsiru lill-bank.

L-attrici tghid li hajjitha minn dejjem kienet difficli u dan ghaliex ommha kellha problema ta' *alcohol* u ta' drogi u kien proprju ghalhekk li l-istess attrici spiccat tghix f'istitut tat-tfal. Meta mbaghad ghalqet l-eta' ta' sittax-il sena, kellha tibda taqdef ghal rasha u kien f'dan il-perjodu li bdiet tipprova ssib post fejn tghix. Bidlet hafna residenzi sakemm fl-ahhar sabet post izda l-hajja kienet difficli u ma bdietx tlahhaq. Sapport minn ommha ma kellhiex filwaqt li ma kienitx taf min hu missierha. Kien f'dan iz-zmien li l-attrici ltaqghet mal-intimat li min-naha tieghu offrielha li jhallasha paga in kambju ghaz-zwieg sabiex ikun jista' jghix u joqghod hawn Malta minghajr problemi. Kellha tiehu decizjoni ta' malajr u dan minghajr xi parir. L-attrici accettat mill-ewwel minghajr ma hasbet fil-konsegwenzi. L-attrici tkompli tghid li l-ftehim ta' bejniethom li kien wiehed ta' ghajnuna reciproka imma xejn aktar. Fil-fatt, hi tghid li z-zwieg ta' bejniethom qatt ma gie kkonsmat u qatt ma ghixu flimkien. Maz-zmien, il-kuntatt bejn il-partijiet inqata' u ghalkemm l-intimat rega' offra xi flus sabiex l-istess attrici tiffirmalu xi karti halli jkun jista' johrog minn

Malta u jerga' jidhol minghajr problemi, din id-darba rrifjutat.

L-attrici permezz tax-xhieda taghha *viva-voce* terga' tikkonferma dak kollu li tistqarr fl-affidavit taghha u tikkonferma li zzewget lill-intimat ghax "***kien jghini, kien figura maskili u kont sibt konfort imma ma kienx hemm relazzjoni bejnietna, konna nghinu lil xulxin***". Mistosija mill-Qorti ghaliex izzewget ragel ghaliex kien jghinha l-attrici tirrispondi li "***kont zghira u kont nahsiba mod iehor***" tant li tikkonferma li fil-verita' ma riditx tizzewweg lill-intimat. Mistoqsija mill-Qorti jekk l-intimat riedx li jizzewwigha, li jghix maghha ghal dejjem biex flimkien jifformaw familja, l-istess attrici tirrispondi billi tghid "***le ma nahsibx***" u terga' tikkonferma li r-raguni ghala ghazlet li tizzewweg lill-intimat kien proprju l-ghajnuna finanzjarja li kien jaghtiha u xejn aktar.

## Il-Mertu tal-Kaz odjern

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-11 ta' Ottubru 2003 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' Tracey Paris[1] fejn prattikament tikkonferma dak li tghid l-attrici permezz tal-affidavit abbazi ta' dak li rrakkontatilha l-istess attrici. Sfortunatament, tali xhieda ma titfa' ebda dawl gdid fuq il-kaz odjern *stante* li x-xhud tista' taghti xhieda biss fuq dak li qaltilha l-istess attrici u mhux ghax verament tafu hi personalment. Wara kollox fiz-zmien tal-kunsens u fiz-zmien ta' meta gie kkontratt dan iz-zwieg, ix-xhud lanqas biss kienet ghadha taf lill-attrici. Ma jistax jinghad l-istess dwar ix-xhieda ta' Charlene Pace[2] li tghid li ilha taf lill-attrici ghal snin twal u li kienet diga' tafha fiz-zmien meta gie kkontratt iz-zwieg mertu tal-kaz odjern. Ix-xhud izzid tghid li taf li qatt ma kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet u li qatt ma ghixu flimkien izda kienu jiltaqghu biss kull l-ahhar tax-xahar biex jaghtiha l-flus u xejn aktar.

[1] Esebit a fol 15 tal-process
[2] Esebita a fol 18 tal-process

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-attrici minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni li verament jifformaw familja u jifformaw dik l-ghaqda li tant hi necessarja fiz-zwieg. Qatt ma verament riedu jizzewgu fis-sens wiesgha tal-kelma. Dan ma jfissirx li l-partijiet ma kellhomx dak il-gudizzju necessarju sabiex jevalwaw id-decizjoni taghhom ghaz-zwieg. Anzi mill-provi jirrizulta li l-partijiet raw iz-zwieg bhala l-mezz ta' kif isolvu l-problemi rispettivi taghhom. L-attrici rat biss it-tama ghas-salvazzjoni tas-sitwazzjoni difficli li kienet ghaddejja minnha filwaqt li l-intimat kien ser jirnexxilu jsolvi l-problema tieghu relatata mal-*visa* u d-dokumentazzjoni sabiex ikun jista' joqghod hawn Malta.

F'dan l-istadju il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[4] “***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***”.

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet kellhom id-*discretio judicii* necessarju imma kif ser jigi diskuss aktar ‘il quddiem, ghazlu li jidhlu ghal zwieg li kienu jafu li kien wiehed fittizju (tant li qatt ma ghixu flimkien) sabiex *on paper* jidhru li huma mizzewgin u xejn aktar.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti tirrileva li mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car u inekwivoku li dan kien zwieg ta’ konvenjenza u xejn aktar. L-attrici tammetti dan fl-affidavit taghha li dan kien zwieg ta’ konvenjenza u il-Qorti hija konvinta minn dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u l-fatt li l-intimat baqa’ jhallas lill-attrici kull l-ahhar tax-xahar bhala rikompensament talli zzewgitu huma prova ta’ dan. Il-fatt li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien juri wkoll li l-partijiet qatt ma kienu lesti li jassumi r-responsabbilitajiet taz-zwieg versu l-parti l-ohra u dan ghaliex konxjament eskludew din il-possibilita’ u mhux ghax kienu inkapaci.

[4] Deciza nhar id-29 ta’ Mejju 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

F’dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[5] fejn gie ritenut li “***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***”.

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Jirrizulta bl-aktar mod car mill-provi prodotti li l-intimat dahal ghal dan iz-zwieg purament ghal ragunijiet ta’ konvenjenza u xejn aktar filwaqt li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg ghall-ghajnuna finanzjarja offruta mill-istess intimat tant li l-partijiet lanqas biss qatt ghixu flimkien. F’dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawzi fl-ismijiet **Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**[6] **u Miriam Ramdan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**[7] fejn gie ritenut li:

“***Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa’ Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b’mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f’dawn il-kazijiet wiehed m’ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta’ xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta’ dak li jkun, pero’ tali intenzjoni tista’ tigi manifestata wkoll implicitament***”.

---

[5] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[6] Deciza nhar l-10 ta’ Ottubru 1995 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar is-16 ta’ Jannar 1998 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

Issir referenza wkoll ghall-kawzi fl-ismijiet **Mary Rose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim**[8] u **Carmen El Shimi gia Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi**[9] fejn gie ritenut li:

"***Fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop tieghu uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/ u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulate peress li eskluda posittivament iz-zwieg innifsu***".

Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda prodotta, ma hemm ebda dubju dwar ir-raguni li wasslet lill-partijiet sabiex jidhlu ghaz-zwieg odjern. Min-naha tal-attrici, kien hemm l-idea ta' sostenn u ta' ghajnuna finanzjarja offruta mill-intimat, liema ghajnuna kienet tant important fi zmien tant difficli li kienet ghaddejja minnu (kienet bla dar, bla xoghol u bla familja fuq min iddur) filwaqt li min-naha tieghu, l-intimat kien ser jakkwista d-dritt li jibqa' hawn Malta minghajr problemi.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[10] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher car li fil-mument tal-kunsens taghhom il-partijiet riedu biss li jakkwistaw xi oggett li kien lil hinn miz-zwieg u lil hinn mid-drittijiet u l-obbligi naxxenti miz-zwieg.

Illi dwar Artikolu 19(1)(h) u cioe' li l-kunsens tal-attrici kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[11] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun***

[8] Deciza nhar il-31 ta' Mejju 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza nhar l-20 ta' Gunju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[10] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[11] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sufficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, ma setghetx taghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[12] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Jigi rilevat li l-attrici ma tressqet ebda prova li permezz taghha tista' b'xi mod twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista' jkun applikat fil-kaz odjern.

Illi dwar l-Artikolu 19A(1) u cioe' dak relatat mar-rifjut tal-partijiet li jikkonsmaw i-zwieg, il-Qorti tirrileva li l-konsumazzjoni taz-zwieg hekk kif amalgament mal-element mal-prokreazzjoni tal-ulied (liema element huwa wiehed element essenzjali li necessarjament jaqa' wkoll taħt l-Artikolu 19(1)(f) diskuss aktar 'il fuq kif gie dikjarat fil- kawza fl-ismijiet **Shaw Daniela Vs Camilleri Josef**[13] fejn gie ritenut li "***L-elementi essenzjali taz-zwieg .... jikkonsistu fil-"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied***"), il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-attrici fejn tikkonferma ghal darba darbtejn li bejn il-partijiet qatt ma kien hemm xejn hlief ftehim reciproku ta'kif jghinu lil xulxin u xejn aktar. Ghalkemm l-attrici ma tghidx b'mod esplicitu li fil-mument propizju tal-kunsens qatt ma kellha intenzjoni li tikkonsma maz-zwieg (u l-istess japplika ghall-intimat) dan johrog car mic-cirkostanzi li wasslu ghal dan l-istess zwieg. Dan qieghed jinghad ghaliex il-partijiet qatt ma kellhom intenzjoni li verament jghixu flimkien (kif fil-fatt qatt ma ghamlu), qatt ma kellhom l-intenzjoni li

---

[12] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

[13] Deciza nhar it-12 ta' Dicembru 2002 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili

jikkunsmaw iz-zwieg taghhom ghaliex sempliciment ma kellhomx interess peress li z-zwieg taghhom kien biss zwieg fittizju li kien ta’ beneficcju ghaz-zewg partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(f) u 19A(1) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------